**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 186/2016 CFF**

**GO p.l.c.**
**vs**
**American International Contractors**

**Illum 18 t'April, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' kumplessiva ta' disat elef, sitt mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€9,623.38) rapprezentanti ammont pendenti dovut minnha lis-socjeta' rikorrenti in konnessjoni mal-kontijiet segwenti – **AC50783575, AC50790351, AC50798707, AC50847082, AC50847086, AC508747087, AC50886153, AC50884324, AC50920948, AC50940495, AC50940499, AC50984287, AC51034181 U AC51103383** - ghall-ipprestar ta' ghadd ta' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni kif elenkati skond il-prospetti rispettivi (kopji hawn annessi u mmarkati bhala '***DOK A***'), liema servizzi gew rezi abbazi tal-kuntratti rispettivi (kopji taghhom hawn annessi u mmarkati bhala '***DOK B***').

Is-socjeta' attrici tirrileva illi, malgrado li hija giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas tal-kwantum surriferit, hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza fil-konfront taghha.

Bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-prezenti rikors sad-data tal-pagament effettiv tas-somma surriferita kollha u b'ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni.

Illi Marisa Galea Debono li ghandha l-karta t'identita' bir-riferenza 248772M debitament awtorizzata, bil-gurament taghha tikkonferma l-fatti hawn imsemmija.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2017 is-socjeta' intimata Staff Team Limited debitament notifikata fis-7 ta' Dicembru, 2016 u msejha tliet darbiet ma dehritx u lanqas ipprezentat ir-risposta.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti GO p.l.c. u tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma ta' kumplessiva ta' tlettax-il elf, mija u sitta u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,166.24) bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-prezenti rikors sad-data tal-pagament effettiv tas-somma surriferita kollha.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**